

Gozz qasab

Niftakar meta konna żgħar jien u hija, il-pa kien jgħidilna li konna niġġieldu qisna kelb u qattus. Ovvjament konna nerġġhu niġġieldu biex naraw min hu l-kelb u min hu l-qattus. Missieri kien ixengel rasu, jixtieq li għadu x-xogħol jew jaħdem fil-ġnien m'ommi. Imbagħad kien jgħidilna,

“Orrajt, kunu klieb it-tnejn.”

F'moħħna sħajjilna lilna nfusna xi żewġ pitbulls. Avolja meta nħares lura konna aktar qisna żewġt iklieb tal-but–daqs tikka imma b'ego ħafna akbar mid-daqs tagħna.

Waqt li missieri kien iħares lejna jipprova ma jidħaqx omni kienet tiġi ħdejh u tgħidilna,

“Isma’, tafu li l-iljuni u t-tiġri qtates ukoll hux? Qtates kbar.”

Aħna waqafna ħesrem. Dak iż-żmien konna nilagħbu l-famuża lions and tigers fil-misraħ ma' sħabna u xi ħaġa hekk xegħlet bozza f'moħħna. Konna se nibdew nerġġhu nilletikaw sakemm ħarsa waħda mingħand il-pa sikkittina. Dorna lejn il-ma u ma sibniex refuġju. Għalaqna ħalqna. Dejjem hekk kienu jagħmlu. Jekk konna niġġieldu u omni ttina kastig konna mmorru għand il-pa għall-wens imma kien isaqsina, “X'qalet il-ma?” u meta nweġbuh rigward il-kastig kien jgħid “Mal-ma naqbel.” L-istess ħaġa bil-kontra. Konna mmorru nsibu lil omni bit-tama li tħallina nixegħlu l-kompjuter wara li l-pa ġibed il-plakka mill-ħajt (dak iż-żmien jekk taqla' l-plakka mill-ħajt kont titfi l-kompjuter). “X'qal il-pa? M'hemmx logħob? Mela m'hemmx logħob.” Dejjem ippreżentaw front wieħed quddiemna.

Xi drabi l-ġlied kien ikun qalil. Meta hija faraġni b'daqqa ta' ponn u jien qsamtlu rasu, il-ġenituri ddeċidew li jagħtuna lezzjoni li nibqgħu niftakruha bl-użu ta' storja ta' Eżopu. Il-pa niżel fil-garaxx u ġab sett qasab imqattgħin fi strixxi twal li kien se juża għal ħasira. Omni tatna strixxa kull wieħed u qaltilna biex naqsmuha. Jien u hija qsamna l-istrixxa li tatna faċilment. Sadanittant, il-pa kien qed jorbot l-istrixxi tal-qasab flimkien f'gozz. Newwilhom lil hija u qallu biex jipprova jaqsamhom. Hija tqanżaħ, wiċċu aħmar, imma għalxejn. Meta ratni se nibda nidħaq omni qaltli,

“Issa pprova int, ħa naraw jirnexxilekx.”

Ħriġt ta' mazetta bħal hija għax għalkemm ippruvajt bis-saħħa, ma stajtq naqsamhom.

Wara li l-pa ħadli l-qasab, omni daret fuqna u qalet,

“Meta kellkom strixxa waħda qsamtuha mingħajr diffikultà. Meta l-istrixxi kienu marbuta flimkien ma stajtux taqsmuhom. Hekk intom it-tnejn. Jekk tiġġieldu bejnietkom se tkunu dgħajfa – għad jiġu żminijiet diffiċli fejn se jkollkom bżonn lil xulxin. Flimkien tkunu aktar b'saħħitkom.”